MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2003

Numru. 807/2000

Il-Pulizija
(Spettur Jeffrey Cilia)
vs
Maurizio Massimiliano

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Maurizio Massimiliano, detentur tal-karta tal-identita Nru 11464(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli fi Frar 2000, ikkommetta serq ta' tmien fliexken tax-xorb, mid-Dolphin Supermarket sitwat f'Hal Balzan;

Talli nhar it-22 ta' Frar, 2000 u fil-granet ta' qabel din id-data f'Malta, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' l-oggetti indikati fl-ewwel akkuza, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Talli rrenda ruhu recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Awla 9) datata 29/7/99, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2001 meta kienu qed isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi kollha li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-proceditment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena;

Ikkunsidrat :

Illi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu l-Qorti qeghda issibu hati ta' l-istess imputazzjonijiet, u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 334, 49 u 50 tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikoli 261, 284 u 285 tal-Kap. 9.  Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat ikkopera mal-Prosekuzzjoni, ammetta dak li kien ghamel, kif ukoll irregistra ammissjoni fil-Qorti kif diga intqal.

Illi fuq talba tad-difiza l-Qorti hatret lil Mary Grace Vella, Ufficjal tal-Probation, sabiex thejji Pre-Sentencing Inquiry Report fil-konfront tal-imputat fuq imsemmi.

Illi irrizulta mill-istess rapport ipprezentat u mahluf mill-imsemmija Ufficjal tal-Probation illi l-imputat gieli segwa programmi ghar-riabilitazzjoni mid-droga, izda

madanakollu ghalkemm huwa inghata l-opportunita sabiex isegwi dawn il-programmi l-imputat jew rega’ waqa’ fil-vizzju tad-droga, jew inkella ma irnexxielux jiffinalizza l-programm ghar-riabilitazzjoni mid-droga. Effettivament, huwa kien gie sospiz fit-18 ta’ Dicembru, 1998 mill-programm li kien qed isegwi mal-Caritas. Illi jirrizulta illi fil-prezent l-imputat fuq imsemmi ghadu ibaghti mill-problema tad-droga. Dr Moses Camilleri, illi jiehu hsieb id-Detox Center qal lill-Ufficjal tal-Probation illi l-ammont ta’ methadone illi qieghed jigi amministrat lill-imputat fil-prezent huwa ta’ 65 “millilitres”.

Illi jirrizulta illi fil-prezent l-imputat mhuwiex qieghed isegwi l-ebda program ghar-riabilitazzjoni mid-droga. Jirrizulta ukoll illi minkejja l-isforzi kollha tieghu ghadu ma helisx minn din il-problema.

Illi l-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta illi fl-1997 kien gie liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax il-xahar. F’Lulju ta’ l-istess sena inghata piena ta’ sena u nofs prigunerija sospiza ghal sentejn. Fl-Lulju tal-1999 gie ikkundannat tmintax il-xahar prigunerija u illum qieghed jigi misjub hati talli fi Frar tas-sena 2000 ikkommetta serq ta’ tmien flixken ta’ xorb.

Illi jigi iccarat illi l-Qorti qeghda issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u qeghda ukoll tiddikjara illi huwa recediv. Madanakollu l-Qorti qeghda tilliberah mit-tieni imputazzjoni, dik ta’ ricettazzjoni, peress illi una volta illi jirrizulta s-serq ma jistax jirrizulta wkoll ir-reat ta’ ricettazzjoni.

Illi jirrizulta mill-fedina penali tal-imputat illi minkejja illi inghata diversi opportunitajiet mill-Qorti huwa kompla ghaddej bil-hajja tieghu ta’ kriminalita. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti ma tarax illi hemm xi raguni il-ghala l-imputat ma ghandux jigi karcerat u ghaldaqstant qeghda tikkundannah ghall-prigunerija ta’ sitt xhur.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin sabiex, dejjem jekk l-imputat ikun irid, jippermettilu

isegwi programm ghar-riabilitazzjoni mid-droga matul il-perjodu tal-karcerazzjoni tieghu.

Il-Qorti tordna illi l-perjodu kollu illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv ghal dan ir-reat jigi imnaqqas minn dan il-perjodu ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------